Parroċċa Qalb bla tebgħa ta' Marija

Burmarrad

Nº: 02/15

**AVVIŻI**

**1 ta' Novembru 2015**

Fil-quddiesa ta' *għada filgħaxija/ illejla* nagħtu merħba lill-patrijiet il-ġodda tal-komunità filwaqt li niċċelebraw flimkien il-festa tal-Qaddisin kollha. Inħeġġukom biex tkunu lkoll preżenti.

It-Tnejn 2 ta' Novembru l-quddies filgħodu jkun fil-5.30, 6.00, 6.30, 7.00 u 7.30. Filgħaxija ssir il-konċelebrazzjoni solenni fis-6.15pm.
Nhar il-Ħamis, imbagħad, issir il-konċelebrazzjoni għall-erwieħ tal-Franġiskani mejtin fis-6.15pm.

Kull nhar ta' Erbgħa, Ġimgħa u Ħadd ikun hemm il-quddiesa fiċ-ċimiterju fil-11.30am. Fil-11.00 jibda r-rużarju.

Matul ix-xahar ta' Novembru l-quddiesa tal-Ġimgħa filgħaxija tkun b'suffraġju tal-mejtin qraba u benefatturi tagħna. Għalhekk inħeġġukom biex tħallu l-envelope bl-ismijiet fil-qoffa li hemm fuq l-altar ta' Sant'Antnin.

Minn nhar il-Ġimgħa 6 ta' Novembru sa jibda jiltaqa' l-grupp tal-adolexxenti u *ż-żgħażagħ* fiċ-Ċentru Parrokkjali mis-7.30pm 'il quddiem. Kulħadd mistieden.

Nhar is-Sibt 7 ta' Novembru, fil-4.45pm sa ssir laqgħa għall-ġenituri u l-katekisti kollha fiċ-Ċentru Parrokkjali. Wara jieħdu sehem flimkien fil-quddiesa tas-6.15pm li fiha niċċelebraw il-bidu formali tas-sena kateketika. Huwa importanti ħafna li jattendu l-ġenituri u l-katekisti kollha.

Nhar is-Sibt huwa l-ewwel Sibt u għalhekk fil-5.15pm fil-Knisja jkun hawn l-adorazzjoni Ewkaristika.

Nhar il-Ħadd 8 jsir it-tberik taċ-ċimiterju waqt quddiesa fl-4pm. Jekk ikun il-maltemp il-quddiesa ssir fil-parroċċa ta' San Pawl il-Baħar.

Nhar il-Ħadd il-membri tal-Kumitat tal-Festa sa jkunu qed jiġbru bieb bieb. Inkunu ġenerużi biex inkunu nistgħu nagħmlu festa li tixraq lil Ommna Marija u li tgħaqqadna bħala familja parrokkjali f'ferħ nisrani.

Infakkrukom li fuq in-noticeboards u fuq is-sit elettroniku tal-parroċċa tistgħu ssibu aktar informazzjoni dwar l-attivitajiet li jsiru fil-parroċċa.